MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 896/2012

**BANK OF VALLETTA** p.l.c
Vs
Louis **GRECH**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-6 ta’ Settembru, 2012 li bih is-soċjeta’ rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li din l-Qorti:

(i) Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt pubbliku tas-6 ta’ Ġunju, 2006, fl-atti tan-Nutar Bartolomeo Micallef u fil-kuntratti pubblici tal-31 ta’ Ottubru, 2006, fl-atti tan-Nutar Sharon Fiorentino (u hawn esebiti bħala Dokument “A sa Ċ”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-imħarrek (a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti, (b) kienu

inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess imħarrek li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta attriċi.

(ii) Tikkundanna lill-imħarrek Louis Grech iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' mija u sebgħa u ħamsin elf u wieħed u sittin euro u tmienja u sebgħin ċenteżmi (€157,061.78) parti mill-bilanċ għad-debitu fil-"*Loan u l-Overdrafts Account*" ta' l-istess imħarrek mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok "D1 sa D5", "E1 sa E5", "F1 sa F5" u "G1 sa G17") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-21 ta' Lulju, 2012, sad-data ta' l-effettiv pagament;

Rat illi r-Rikors ġie debitament notifikat lill-intimat li naqas li jippreżenta risposta fiż-żmien mogħti lilu mil-liġi u hekk baqa' kontumaċi;

Rat in-Nota mressqa f'isem il-Bank attur waqt is-smigħ tal-lum li biha naqqas is-somma mitluba fit-tieni talba għal mija u sitta u ħamsin elf, tliet mija u erbgħa u tletin euro u seba' ċenteżmi (€156,334.07), flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma mnaqqsa b'seħħ mit-30 ta' Ottubru, 2012;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrek waqt is-smigħ tal-lum, li biha ammetta li għandu jagħti lill-Bank attur is-somma mnaqqsa u l-imgħax;

Eżaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw mistħoqqa;

Fuq ammissjoni tal-intimat taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba** tas-soċjeta' rikorrenti kif dedotta fir-Rikors u ssib li seħħet waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti nutarili pubbliċi tas-6 ta' Ġunju, 2006 u tal-31 ta' Ottubru, 2006, billi l-imħarrek Louis

Grech naqas li jħallas regolarment u fiż-żmien li fih intrabat li jagħmel dan mal-Bank attur; billi l-istess imħarrek naqas li jwettaq l-obbligi l-oħrajn li ntrabat bihom; u billi seħħew bidliet materjali fiċ-ċirkostanżi tal-istess imħarrek li jolqtu ħażin il-possibilta' tal-ħlas lura tad-debitu lill-istess Bank attur;

**Tilqa' t-tieni talba** attriċi billi tikkundanna lill-imħarrek Louis Grech biex iħallas lill-Bank attur is-somma ta' mija u sitta u ħamsin elf, tliet mija u erbgħa u tletin euro u seba' ċenteżmi (€156,334.07) bilanċ għad-debitu fil-"*Loan u l-Overdraft Account"* tiegħu, flimkien mal-imgħax legali ulterjuri fuq dik is-somma b'seħħ mit-30 ta' Ottubru, 2012, sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tikkundanna** lill-imharrek biex iħallas **l-ispejjez tal-kawża.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------